

Brussell, 4 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15374/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2017/0317 (NLE)**

COLAC 134

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Diċembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 719 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2017) 719 final.

Mehmuż: COM(2017) 719 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.12.2017
COM(2017) 719 final

2017/0317 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Konġunt
stabbilit taħt il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u
Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-
Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-
Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-oġettivi tagħha

Iż-żona ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Messiku nħolqot bid-deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt li twaqqaf taħt il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra ("Il-Ftehim Globali"). Dawn huma d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2000 tat-23 ta' Marzu 2000 u 2/2001 tas-27 ta' Frar 2001.

B'riżultat ta' dan, dawn id-deċiżjonijiet jintużaw biex isiru l-adattamenti neċessarji fid-dispożizzjonijiet kummerċjali meta fl-UE jissieħbu pajjiżi ġodda. L-adattamenti ma ġewx indirizzati fit-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim Globali.

L-Artikoli 5, 6, 7, 10 u 47 tal-Ftehim Globali jagħtu lill-Kunsill Konġunt bis-setgħa li jieħu deċiżjonijiet maħsuba biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim, u b'mod partikolari li jiddeċiedi fuq l-aħjar arranġamenti u kalendarju għal kummerċ fil-prodotti, kummerċ fis-servizzi u l-akkwist pubbliku.

Bit-Tielet Protokoll Addizzjonali fis-seħħ, iż-żewġ deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt imsemmija hawn fuq iridu jiġu emendati biex ikunu jistgħu jsiru l-adattamenti meħtieġa fid-dispożizzjonijiet tal-kummerċ tal-Ftehim Globali. Dan jaffettwa speċifikament:

- Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2000 tat-23 ta' Marzu 2000, kif emendati minn Deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt Nru 3/2004 tad-29 ta' Lulju 2004 u 2/2008 tal-25 ta' Lulju 2008, li jikkonċernaw il-kummerċ fil-prodotti, iċ-ċertifikazzjoni tal-orijini u l-akkwist pubbliku; u
- id-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2001 tas-27 ta' Frar 2001, kif emendata mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt Nru 4/2004 tat-18 ta' Mejju 2005 u Nru 3/2008 tal-15 ta' Diċembru 2008, sabiex jiġu aġġornati tal-awtoritajiet responsabbli mis-servizzi finanzjarji u daww il-miżuri inkonsistenti mal-Artikoli 12 sa 16 tad-Deċiżjoni Nru 2/2001 li l-Kroazja ser iżżomm skont l-Artikolu 17(3) tagħha.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Konġunt biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

• Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Din il-proposta hija konsistenti ma' u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' politiki oħrajn tal-UE.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiegħu l-Unjoni Ewropea fil-kumitati stabbiliti permezz tal-Ftehim Globali hija t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 91, 100(2), 207 u 211 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

- **L-għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija skont l-Artikolu 218(9) TFUE, li jippermetti lill-Kunsill jadotta deċiżjonijiet. L-ebda strument ġuridiku ieħor ma jista' jinkiseb l-oġettivi ta' din il-proposta.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91, 100(2), 207 u 211, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Artikoli 5, 6, 7, 10 u 47 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni (il-“Ftehim Globali”),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Settembru 2012¹ il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, biex tinneogzja mal-Messiku t-tielet protokoll addizzjonali tal-Ftehim Globali biex jitqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.
- (2) Dawn in-negozjati tlestew b'suċċess.
- (3) It-Tielet Protokoll Addizzjonali ġie ffirmat fi [...] fi [...] u daħal fis-seħħ fi [...], b'effett minn [...].
- (4) Peress li l-Kroazja hija firmatarja tal-Ftehim Globali, huwa meħtieġ li jiġu adattati diversi dispożizzjonijiet ta':
 - Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt bejn l-UE u l-Messiku tat-23 ta' Marzu 2000, kif emendata minn Deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt Nru 3/2004 tad-29 ta' Lulju 2004 u 2/2008 tal-25 ta' Lulju 2008, li jikkonċernaw il-kummerċ fil-prodotti, iċ-ċertifikazzjoni tal-orijini u l-akkwist pubbliku; u
 - id-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2001 tas-27 ta' Frar 2001, kif emendata mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt Nru 4/2004 tat-18 ta' Mejju 2005 u Nru 3/2008 tal-15 ta' Diċembru 2008, sabiex jiġu aġġornati tal-awtoritajiet responsabbli mis-servizzi finanzjarji u dawk il-miżuri

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-adattament tal-ftehimiet iffirmati jew konklużi bejn l-Unjoni Ewropea, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (id-Dokument tal-Kunsill 13351/12 RISTRETT).

inkonsistenti mal-Artikoli 12 sa 16 tad-Deċiżjoni Nru 2/2001 li l-Kroazja ser iżżomm skont l-Artikolu 17(3) tagħha.

- (5) L-Artikoli 5, 6, 7, 10 u 47 tal-Ftehim Globali jagħtu, lill-Kunsill Konġunt stabbilit skont il-Ftehim, is-setgħa jiehū deċiżjonijiet maħsuba biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim, u b'mod partikolari li jiddeċiedi fuq l-aħjar arranġamenti u kalendarju għal kummerċ fil-prodotti, kummerċ fis-servizzi u fl-akkwist pubbliku.

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Kunsill b'dan japprova l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Konġunt stabbilit fil-Ftehim Globali dwar l-emendi meħtieġa biex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja, kif annessi f'din id-Deċiżjoni (l-Annessi I u II).
2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill Konġunt stabbilit fil-Ftehim Globali jistgħu jaqblu dwar bidliet minuri fl-abbozz tad-Deċiżjonijiet mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Id-deċiżjonijiet tal-Komitat Konġunt għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħhom.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*